

Brussell, 23 ta' Marzu 2022
(OR. fr)

7428/22

LIMITE

FISC 79
ECOFIN 250

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0005(CNS)

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	14584/21
Nru dok. Cion:	COM(2018) 20 final
Suġġett:	Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar ir-rati tat-taxxa fuq il-valur miżjud - Adozzjoni

I. INTRODUZZJONI

1. Fit-18 ta' Jannar 2018, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar ir-rati tat-taxxa fuq il-valur miżjud¹.
2. Il-proposta għandha l-għan li toħloq kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u tagħti lill-Istati Membri aktar flessibilità fl-applikazzjoni ta' rati mnaqqsa u rati żero tat-taxxa fuq il-valur miżjud.
3. Fis-7 ta' Diċembru 2021, il-Kunsill adotta approċċ ġenerali għall-proposta.
4. L-opinjoni jiet tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni ġew adottati rispettivament fit-23 ta' Mejju² u fl-10 ta' Ottubru³ 2018.

¹ Dok. 5335/18.

² ĠU C 283, 10.8.2018, p. 35.

³ ĠU C 461, 21.12.2018, p. 43.

5. Peress li l-Parlament Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-3 ta' Ottubru 2018⁴, il-Kunsill iddeċieda wara l-adozzjoni tat-test tal-approċċ ġenerali, minħabba d-differenzi fundamentali bejn it-test tal-Kummissjoni li dwaru l-Parlament Ewropew ġie kkonsultat inizjalment u t-test ippreżentat, skont l-Artikolu 19(7)(h) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, li jerġa' jikkonsulta lill-Parlament Ewropew. Konsegwentement, il-Parlament Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fid-9 ta' Marzu 2022⁵.

II. KONKLUŻJONI

6. Fid-dawl ta' dan, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta d-Direttiva tal-Kunsill imsemmija hawn fuq kif riveduta mill-ġuristi lingwisti, kif tinsab fid-dokument 5442/22, bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' laqgħa li jmiss.

⁴ https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-8-2018-0371_MT.html

⁵ https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2022-0061_MT.html